2026/1163

27.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1163

tal-11 ta' Mejju 2026

dwar l-iffirmar tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiftħu negozjati u jinnegozjaw il-modernizzazzjoni tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([1]). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fis-17 ta' Jannar 2025.

(2) In-negozjati rriżultaw f'żewġ strumenti legali paralleli. L-ewwel strument huwa l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, komunament imsejjaħ il-"Ftehim Globali Modernizzat" (il-"MGA", Modernised Global Agreement), li jinkludi l-pilastru ta' djalogu politiku u kooperazzjoni u l-pilastru tal-kummerċ u l-investiment, inkluż dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment. It-tieni strument huwa l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku (l-"ITA") li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-investiment. L-ITA ser jieqaf milli jkollu effett u ser jiġi sostitwit bil-MGA mad-dħul fis-seħħ ta' dan tal-aħħar.

(3) L-għan tal-ITA huwa li jrawwem aktar kummerċ u investiment sostenibbli bejn il-Partijiet billi jespandi u jiddiversifika r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom u billi joħloq opportunitajiet ġodda kemm għall-haddiema kif ukoll għan-negozji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-ITA jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim ([2]).

([1]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2000/658/oj.
([2]) It-test tal-ITA ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS